**20 ta' April, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Philip Ciantar

*versus*

Vittoria Abela

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ħanut — Appell — Kwistjoni ta' Dritt.**

*Jekk il-Board tal-Kera fis-sentenza tiegħu jirritjeni, sempliċement bħala fatt, li l-fond in kwistjoni hu "ħanut" għall-finijiet tal-liġi tal-kera, u li għalhekk is-sid ma jistax jitlob lura l-pussess tiegħu fuq il-motiv li jridu għalieh, ma jkun hemm ebda punt ta' liġi deċiż f'dik is-sentenza; u l-istess sentenza hi għalhekk inappellabbli.*

Il-Qorti: Rat it-talba tar-rikorrent biex jerġa jieħu taħt idejh il-fond nru. 27 Cameron Street, Gżira, mikri lill-intimata, peress li jridu għalieh għax irid jiżżewweġ, u l-intimata qegħedha toqgħod band'oħra;

Rat is-sentenza tal-Board li fiha t-talba ġie miċħuda; bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

L-intimata hija mara ta' 85 sena... Dan il-post, però,

huwa prinċipalment "ħanut", bħal ma ġie dikjarat mis-sid preċedenti Joseph Gatt fir-rikors li preżenta quddiem il-Board fis-16 ta' Mejju 1955 għall-awment tal-kera (ara kopja tiegħu eżibita mill-intimata bin-nota tagħha tal-11 ta' Frar 1959), u bħal ma ġie dikjarat fis-sentenza mogħtija minn dan il-Board fuq dak ir-rikors fil-5 ta' Settembru 1955 (ara kopja eżibita mill-intimata bl-imsemmija nota tagħha tal-11 ta' Frar 1959);

Ir-rikorrent qed jitlob li jieħu pussess tal-fond għax iridu biex imur joqgħod fih billi ser jiżżewweġ, u l-intimata qegħedha toqgħod band'oħra. Apparti l-fatt li l-intimata ma marretx toqgħod definittivament band'oħra,...... huwa fatt li binha Francis VeVlla baqa' joqgħod fil-post, u baqa' juża parti mill-post bħala "workshop" ta' mastrudaxxa, għal liema raġuni l-fond ġie dikjarat prinċipalment ħanut. Dana l-"workshop" evidentement huwa ta' bin l-intimata Francis Vella, u mhux tal-intimata; u dan il-fatt ma jistax ma kienx jafu s-sid preċedenti Joseph Gatt, għaliex mhux preżumibbli li l-intimata, li hija mara u għandha 85 sena, taħdem ta' mastrudaxxa. Għalhekk, għalkemm il-kera jitħallas minn Francis Vella f'isem ommu l-intimata, dan però kien isir peress li hija l-kap tal-familja, u fil-fatt il-post mikri prinċipalment bħala ħanut ta' Francis Vella;

Peress illi kif ġa ntqal, il-post huwa "ħanut" fis-sens tal-liġi, dan huwa protett mill-liġi, u r-rikorrent ma jistax jitlob li jieħdu taħt idejh biex imur joqgħod fih hu;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Philip Ciantar, li bih appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-appellata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

La fis-sentenza issa appellata, u lanqas f'dik li għaliha saret riferenza, ma hemm deċiż ebda punt ta' liġi. Il-Board sempliċement, bħala fatt, irritjena illi l-fond in kwistjoni

hu "ħanut" għall-finijiet tal-liġi, u kwindi r-rikorrent ma setgħax jitolbu lura fuq il-motiv li jridu għalieh. Fil-kawża l-oħra kien l-istess sid li kkwalifika l-fond bħala ħanut, u s-sentenza tal-Board irritenietu bħala tali. Xejn ma tbiddel fiċ-ċirkustanzi minn dak iż-żmien;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara l-appell irritu u null; bil-ispejjeż kontra l-appellant.